# LECTIO DIVINA

# Il-Ħames Ħadd Matul is-Sena (A)

# Mt 5,13-16

Kuntest

Silta mid-"Diskors tal-Muntanja" (kapitli 5 sa 7). Ġesù jara quddiemu "l-folol" u jitla' fuq il-muntanja biex jgħallem (Mt 5,1-2). Il-muntanja hija karatteristika tal-bniedem ċittadin tas-Saltna tas-Smewwiet. Fuqha permezz tas-*smiegħ*, tal-*kontemplazzjoni* u tal-*azzjoni*, filwaqt li għadu saqajh mal-art, iċ-ċittadin jitfa' ħarstu lejn is-sema, 'il hemm minn dak li jidher, 'il hemm minn dak li hu mmedjat.

Malli Ġesù jiftaħ fommu – il-Beatitudnjiet (5,3-12) – mill-ewwel juri li l-mentalità tal-bniedem (marbut mal-art u li għalhekk *ma jitlax* fuq il-muntanja), hija differenti minn dik ta' Alla (li jinsab fis-smewwiet): "Henjin il-fqar fl-ispirtu" (*ptokoi to pneumati* [gr], u *anawim ruah* [ld]). Il-*fqir* hu l-mistħi li m'għandux dinjità, imma fuq kollox li hu *umli*; allura *jaf* (mhux kontra qalbu, imma b'integrità) li jrid jitlob l-għajnuna u mhux awtosuffiċjenti. L-umli mhux minfuh bih innifsu, u mhux rasu iebsa; kapaċi jkun grat, liberu u qalbu m'hi marbuta ma' xejn.

L-ewwel beatitudni (v. 3) tiftaħ it-triq għall-oħrajn li jiġu wara (vv. 4-11). L-aħħar beatitudni titkellem anke mill-persekuzzjoni (vv. 11-12). Kristu kontinwament ifakkar li "d-dixxiplu" li jidher sabiħ fl-għajnejn tad-dinja, li d-dinja ċċapċaplu, li kollox jiġih tajjeb, li jfittex li jgħix ħajja komda, li jfittex lilu nnifsu... mhux id-dixxiplu ta' Kristu (ara Fil 2,6). Fil-fatt Ġesu jkompli dan id-diskors bis-suġġett tal-"melħ tal-art u d-dawl tad-dinja..."

**"Intom il-melħ tal-art" (v. 13a)**

Il-melħ li jagħti togħma u jippreserva mit-taħsir, hu simbolu tal-għerf, u tas-sagrifiċċju. In-nisrani jkun melħ li jagħti togħma meta jgħix il-beatitudnijiet (vv 1-12) u l-valuri evanġeliċi.

Il-valur u l-effett tal-melħ joħorġu meta dan jinħall u *jsir xejn*. In-Nisrani – u aktar u aktar is-saċerdot – hu msejjaħ biex ikollu dan l-għerf; li jkun tant konvint mit-tagħlim li hu jgħallem u jħaddan (prinċipji, valuri umani-evanġeliċi) li jkun kapaċi *jagħti ħajtu* għalihom. B'hekk ikun jimita lill-imgħallem tiegħu.

**"Imma jekk il-melħ jaqta', biex jerġa' jieħu l-imluħa tiegħu? Għal xejn iżjed m'hu tajjeb ħlief biex jintrema barra u jintrifes min-nies." (v. 13b)**
Id-"dixxiplu" ma jibqax effettiv (anke jekk jibqa' fil-ministeru), ma jibqax' ikollu fih l-istess sentimenti li kienu fl-imgħallem tiegħu Kristu Ġesù (ara Ġw 15,1-8). Id-dixxiplu li ma jwassalx it-togħma ta' Ġesù Kristu mhux veru dixxiplu.

**"Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qegħdha fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt is-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kul min ikun fid-dar." (vv. 14-15)**
Il-mistħija (frott in-nuqqas ta' kuraġġ jew nuqqas ta' konvinzjoni), li wieħed jagħmel minn kollox biex idabbar rasu, li wieħed jara kif jagħmel biex ipoġġi lilu nnifsu sew... mhumiex il-karatteristiċi tad-dixxiplu msejjaħ biex ikun melħ u dawl "fuq muntanja... [u] fuq l-imnara".
Ix-xemgħa biex tixgħel u "iddawwal lil min ikun fid-dar" trid tiċċaħħad minnha nfisha u tinħela (tinħaraq). L-istess il-melħ. Ix-xemgħa u l-melħ huma eżempju ċar ta' kif għandha tkun l-*għotja totali* tad-dixxiplu ta' Kristu li hu msejjaħ biex iħalli kollox... (Mt 16,24, Fil 2,6-7).

Id-dixxplu ma jistax jagħti minn dak li ma għandux. Jagħti biss il-frott tal-*esperjenza* tiegħu ma' Kristu; it-tagħlim, is-sentimenti u l-attività li assimila u integra miegħu tul it-triq.

**"Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemil tajjeb tagħkom, u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet." ( v. 16)**
Meta l-għemil tad-dixxiplu jaqbel mal-konvinzjoni tiegħu (koerenza), dan iservi biex ikun dawl għall-oħrajn u juri t-triq li twassal għal għand il-Missier.

*Meditatio*:

- X'jista' jfisser għalija li "l-melħ jaqta'" (telfa ta': valuri, ħeġġa, konvinzjoni, aptit, motivazzjoni [skop], mistħija, għażż...?)
- Nidentifika l-*areas* li fihom (fejn jidħol Kristu u l-Knisja) noqgħod inkejjel u nikkalkula (nuża l-qies u nara fejn jaqbel lili u fejn ma jaqbillix).
- Meta jinsab f'minoranza (ftit melħ) jew meta d-dinja hija ostili għalih, dak huwa l-ambjent propju li fih id-dixxiplu hu imsejjaħ jwettaq il-missjoni tiegħu.